**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 07 ta' Dicembru, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 627/2017 AF**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**James Cassar u Odette Cassar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' HSBC Bank Malta p.l.c. li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-intimati, flimkien in solidalment, huma debituri tal-Bank rikorrenti fl-ammont ta' mija u sbatax-il elf tlett mija u sittax-il Ewro u sittin centezmu (€117,316.60) dovuti lill-istess Bank fuq facilità ta' self (Home Loan Account Numru 14171288), in kwantu ghal mija ghaxart elef tmien mija u erbgha u sebghin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€110,874.89) rapprezentanti kapital u l-bilanc ta' sitt elef erba' mija u wiehed u erbghin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€6,441.71) rapprezentanti imghax fuq l-istess ammont ikkalkulat sad-9 ta' Frar 2017, kif jidher mill-istatement hawn anness u mmarkat

Dok. A u liema self inghata skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Roland Wadge tat-22 ta' Frar 2010 (Dok. B).

L-intimati, flimkien u solidalment, huma wkoll debituri tal-Bank rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u tmenin elf seba' mija u sittin Ewro u erbghin centezmu (€88,760.40) dovuti lill-istess Bank fuq facilità ta' self (Maxicredit Account Number 18062906), in kwantu ghal erbgha u tmenin elf erba' mija u tmenin Ewro u sitta u sittin centezmu (€84,408.66) rapprezentanti kapital u l-bilanc ta' erbat elef tlett mija u wiehed u hamsin Ewro u erbgha u sebghin centemzu (€4,351.74) rapprezentanti imghax fuq l-istess ammont kalkolat sad-9 ta' Frar 2017, kif jidher mill-istatement hawn anness u mmarkat Dok. C u liema self inghata skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Roland Wadge tat-22 ta' Frar 2010 (Dok. D).

Il-konjugi Cassar ma baqghux jonoraw il-hlasijiet miftiehma u ghalkemm l-intimati gew interpellati ghall-hlas, ukoll permezz ta' ittra ufficjali ta' 29 ta' Marzu 2016 (Dok. E), huma baqghu inadmepjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tikkundanna, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni necessarja, lir-rikorrenti flimkien u solidalment, ihallsu lill-Bank rikorrenti s-somma ta' mija u sbatax-il elf tlett mija u sittax-il Ewro u sittin centezmu (€117,316.60) dovuti lill-istess Bank fuq facilità ta' self (Home Loan Account Numru 14171288), in kwantu ghal mija ghaxart elef tmien mija u erbgha u sebghin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€110,874.89) rapprezentanti kapital u l-bilanc ta' sitt elef erba' mija u wiehed u erbghin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€6,441.71) rapprezentanti imghax fuq l-istess ammont ikkalkulat sad-9 ta' Frar 2017, kif spjegat hawn fuq ,oltre l-imghaxijiet ulterjuri legali tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-kapital fuq dovut mill-10 ta' Frar, 2017 sal-pagament effettiv.

2. Tikkundanna, prevja okkorendo kull dikjarazzjoni necessarja, lir-rikorrenti, flimkien u solidalment, ihallsu wkoll lill-Bank rikorrenti s-somma ta' tmienja u tmenin elf

seba' mija u sittin Ewro u erbghin centezmu (€88,760.40) dovuti lill-istess Bank fuq facilità ta' self (Maxicredit Account Number 18062906), in kwantu ghal erbgha u tmenin elf erba' mija u tmenin Ewro u sitta u sittin centezmu (€84,408.66) rapprezentanti kapital u l-bilanc ta' erbat elef tlett mija u wiehed u hamsin Ewro u erbgha u sebghin centemzu (€4,351.74) rapprezentanti imghax fuq l-istess ammont kalkolat sad-9 ta' Frar 2017, kif spjegat hawn fuq, oltre l-imghaxijiet ulterjuri legali tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-kapital fuq dovut mill-10 ta' Frar 2017 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez u imghaxijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Marzu 2016, kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat li, minkejja li gew debitament notifikati, l-intimati baqghu ma wiegbux ghall-kawza.

Rat in-nota li biha l-Bank rikorrenti rriduca t-talba fejn din tolqot l-imghaxijiet dovuti fuq il-kontijiet mertu tal-kawza.

Rat li, minkejja li gew awtorizzati jipprezentaw sottomissjonijiet bil-miktub, l-intimati naqsu.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, il-Qorti, wara li qieset id-dokumenti esibiti in sostenn tar-rikors guramentat, taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tikkundanna lil James Cassar u Odette Cassar flimkien ihallsu lill-Bank rikorrenti is-somma ta' €110,874.89 (mija u ghaxart'elef tmien mija u erba' u sebghin ewro u disgha u tmenin centezmu) bhala kapital u €8489.19 (tmint'elef erba' mija u disa' u tmenin ewro u dsatax-il centemzu) imghax, komplessivament €119,364.08 (mija u dsatax-il elf tlett mija u erba' u sittin ewro u tmien centezmi) fuq il-Home Loan Nru. 14171288;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil James Cassar u Odette Cassar flimkien ihallsu wkoll lil Bank rikorrenti is-somma ta' €84,408.66 (erba' u tmenin elf erba' mija u tmien ewro u sitta u sittin centezmu) bhala kapital u €3654.81 (tlett elef sitt mija u erba' u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu) imghax, komplessivament €88,063.47 (tmienja u tmenin elf u tlieta u sittin ewro u seba' u erbghin centezmu) fuq kont Maxi Credit Nru. 18062906.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati.

IMHALLEF

DEP/REG